

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-amalgamazzjonijiet mogħtija fil-154 laqgħa tiegħu tal-5 ta' Settembru 2007 fir-rigward ta' abbozz ta' deċiżjoni dwar Każ COMP/M.4525 – Kronospan/Constantia**

**Relatur: Spanja**

(2009/C 134/02)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1) (b) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet.
2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqel mal-Kummissjoni li għalkemm l-operazzjoni nnotifikata m'għandhiex dimensjoni komunitarja fit-tifsira tal-Artikolu 1, jista' jkun li tiġi riveduta skont il-liġi tal-kompetizzjoni nazzjonali fl-Awstrija, fil-Ġermanja, fl-Ungerija fil-Latvja, fil-Polonja u fis-Slovakkja. Għalhekk, tista' tiġi eżaminata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet.
- 3.1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-swieq tal-prodotti rilevanti ta': (a) bords tal-injam mill-frak mhux proċessat u (b) bord tal-injam mill-frak miksi.
- 3.2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-ambitu preċiż tas-suq tal-prodott ta' (ċ) laminati dekorattivi u (d) elementi ta' post form, jistgħu jinżammu miftuħa fiż-żewġ każi.
- 4.1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjoni tal-Kummissjoni dwar is-suq ġeografiku rilevanti għal bords tal-injam mill-frak mhux proċessat, li jinkludi żona li għandha radju ta' madwar 500 km madwar il-faċilitajiet oriġinali fil-mira tal-produzzjoni.
- 4.2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li d-definizzjoni tas-suq ġeografiku rilevanti għall-bord tal-injam mill-frak miksi jinkludi għall-inqas lill-Ewropa Ċentrali, u jista' jinkludi wkoll iż-ŻEE kollha.
- 4.3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li s-suq ġeografiku rilevanti għall-laminat dekorattiv u għall-elementi tal-post-form hu għall-inqas mifrux maż-ŻEE kollha.
5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni maħsuba oriġinarjament tkun ta' impediment sinifikanti fil-kompetizzjoni effettiva tas-suq komuni permezz ta' effetti mhux ikkoordinati għas-suq tal-bord tal-injam mill-frak mhux proċessat f'ċerti oqsma f'ċirku ta' madwar 500 km li jdawru l-post oriġinali fil-mira tal-produzzjoni
6. Il-Kumitat konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni maħsuba oriġinarjament ma kinitx ta' impediment sinifikanti fil-kompetizzjoni effettiva tas-suq tal-bord tal-injam mill-frak miksi.
7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li kwalunkwe tħassib dwar id-dehra tal-effetti kkoordinati bħala riżultat tat-tranżazzjoni maħsuba oriġinarjament tneħħiet mill-modifika tat-tranżazzjoni u mill-impenn li kienet daħlet għalih il-Parti li Tinnotifika.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li għalkemm l-entità l-ġdida tista' tidher li kapaċi teskludi l-kompetituri tagħha billi tamalga kumpaniji vertikament integrati, tidher li aktarx li ma għandhiex l-inċentiv li tagħmel dan.
9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, suġġett għal konformità sħiħa mal-impenni offruti mill-partijiet, il-konċentrazzjoni proposta mhijiex impediment kbir għal kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew għal parti sostanzjali minnu, b'mod partikolari bħala riżultat tal-ħolqien jew it-tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti, fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikoli 2(2), tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjoni u li l-konċentrazzjoni proposta għandha għalhekk tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mal-Artikoli 2(2) u 8(2) tar-Regolament dwar l-Amalgamazzjonijiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.
10. Il-Kumitat Konsultattiv jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-punti l-oħra kollha li tqajmu waqt id-diskussjoni.